MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Talba Numru. 44/2007

Maltacom plc u b'digriet tat-18 ta' Dicembru 2008 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal Go plc

vs

Mary Doris Baldacchino

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmi [Lm178.83] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21826005 [A/C no. 10035821 u 10035822) li kien installat fil-fond bl-isem 'Charwood', Triq Wied Il-Ghajn, Zabbar, Malta, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u dawk tal-ittra ufficjali numru 500/2007 tat-12 ta’ Lulju 2007, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenuta debitament innotifikata skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-termini tal-artikolu 187(5) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, la deheret u lanqas ipprezentat risposta.

Fl-udjenza tal-21 ta’ Frar 2008, sama’ lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenuta baqghet ma hallset xejn minnu.

Fl-udjenza tat-8 ta’ April 2008, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenuta, u fl-udjenza tas-17 ta’ April 2008, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenuta wara li giet debitament imsejha diversi drabi skond il-ligi, u baqghet ma deheritx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenuta.

Ra d-dokumenti kollha esibiti.

Ra wkoll li l-konvenuta sa kienet iffirmat *payment programme agreement* mal-kumpannija attrici fit-23 ta’ Jannar 2002, dwar il-hlas pretis mill-kumpannija attrici, u baqghet m’onoratx dan il-ftehim.

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta  sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbgha mija u sittax–il Euro u sitta u hamsin centesimi [€ 416.56] ekwivalenti ghal mija u tmienja u sebghin liri Maltin u tlieta u tmenin centesimi [Lm178.83], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21826005 [A/C no. 10035821 u 10035822], bl-

imghax legali b'effett mid-data tat-23 ta' Jannar 2002, meta gie ffirmat il-*payment programme agreement* mill-konvenuta sal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT, inkluza tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2007 [Ittra numru 500/2007], kontra l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------